

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2022/1044**tat-28 ta' Ġunju 2022****li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (EUPOL COPPS/1/2022)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/354/PESK tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi:

- (1) Bis-saħħa tal-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2013/354/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bil-għan li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS), inkluż id-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.
- (2) Fit-13 ta' Ottubru 2020, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1541 ⁽²⁾, li ħatret is-Sa Nataliya APOSTOLOVA bħala Kap tal-Missjoni ta' EUPOL COPPS mill-15 ta' Novembru 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021.
- (3) Fit-28 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1066 ⁽³⁾, li testendi l-mandat ta' EUPOL COPPS sat-30 ta' Ġunju 2022.
- (4) Fl-1 ta' Lulju 2021, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1128 ⁽⁴⁾, li testendi l-mandat tas-Sa Nataliya APOSTOLOVA bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EUPOL COPPS sat-30 ta' Ġunju 2022.
- (5) Fis-27 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1018 ⁽⁵⁾ li testendi l-mandat ta' EUPOL COPPS mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2023.
- (6) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona l-estensjoni tal-mandat tas-Sa Nataliya APOSTOLOVA bħala Kap tal-Missjoni ta' EUPOL COPPS mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2023,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sa Nataliya APOSTOLOVA bħala Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) huwa b'dan estiż mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2023.

⁽¹⁾ ĠU L 185, 4.7.2013, p. 12.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2020/1541 tat-13 ta' Ottubru 2020 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (EUPOL COPPS/1/2020) (ĠU L 353, 23.10.2020, p. 8).⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1066 tat-28 ta' Ġunju 2021 li temenda d-Deċiżjoni 2013/354/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (ĠU L 229, 29.6.2021, p. 13).⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2021/1128 tal-1 ta' Lulju 2021 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (EUPOL COPPS/1/2021) (ĠU L 244, 9.7.2021, p. 3).⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1018 tas-27 ta' Ġunju 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2013/354/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (ĠU L 170, 28.6.2022, p. 76).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2022.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ġunju 2022.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

D. PRONK
